# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru tlieta u ħamsin (53) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-8 ta' Frar, 2016 fis-6:30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv f'29 Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

2. Charlene Zammit qalet illi minħabba li ma tiflaħx iddum fil-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa, l-minuti tas-seduta preċedenti mhux se jinqraw u se ngħaddu għall-*items* tal-Agenda li ma jistgħux jistennew minħabba li għaddew diversi jiem mil-laqgħa numru tnejn u ħamsin. Il-kunsillieri preżenti qablu unanimament u għaldaqstant tresqet għal konsiderazzjoni l-agenda.

3. Kien deċiż illi l-Kunsill Lokali tal-Imqabba jtella' id-dramm fit-toroq *L-Imsallab fi Triqatna* mill-grupp kulturali Għawdxi lejlet Ħamis ix-Xirka, jiġifieri fit-23 ta' Marzu, 2016, li jiġi l-Erbgħa tat-Tniebri fil-kalendarju liturġiku. Dan se jsir għas-somma komplessiva ta' €2,300 li jinkludi, ir-reċtar, l-armar tal-*props*, vestwarju, *pa system (sound)* u dwal artifiċċjali. F'dan il-punt intqal illi meta konna tellajna dan id-dramm fl-2014 fil-ġimgħa ta' qabel id-Duluri, kellna l-kritika li t-tfal riedu jqumu l-għada għall-iskola u għaldaqstant ma kinetx il-ġurnata ideali, mentri l-għada tal-Erbgħa tat-Tniebri, t-tfal ma jkollhomx skola. Il-KLM se jkun obbligat imexxi l-permessi tal-Pulizija u jimmaniġġja it-toroq f'dak li hu traffiku filwaqt li jitħallas it-trasport minn u lejn iċ-Ċirkewwa filwaqt li joffri *snack* żgħira lill-atturi kif appena jaslu u wkoll jagħtuhom jieklu meta jispiċċa d-dramm.

4. Is-Sindku qalet illi f'każ li d-dramm jitħassar minħabba maltemp jew kwalunkwe ħaġa oħra, il-KLM se jkun qed jintrabat li jħallas €350 f'każ li jkun laħaq intrama' l-armar, €450 f'każ li jkun anke intlaħaq intrama' is-*sound* u s-somma ta' €2,300 kemm-il darba jkunu laħqu qasmu lejn Malta l-atturi. Charlene Zammit qalet illi rridu niltaqgħu mal-każini għaliex is-sede tagħhom se ssevi biex ikun imtella' dan id-dramm u ovvjament irridu nikkomunikaw ma *Transport Malta* biex ikun iddevjat it-trasport pubbliku. Se nikkomunikaw ma' Aaron Briffa biex inkunu nistgħu nużaw l-*artwork* tal-*banner* li jintrama' fit-tarf tal-Imqabba faċċata tal-ġibjun ta' Ħal Kirkop. Se ssir pubbliċita' billi se niktbu biex isir avviż fil-quddies u wkoll billi nġibu promozzjoni fil-fuljett tal-laqgħa pubblika li għad irid jiġi ppubblikat mill-uffiċċju.

5. Kienu approvati r-rapport finanzjarji kollha ppreżentati mis-Segretarju Ezekuttiv: ir-rapport

ta' ħidma 2015, ir-rapporti kollha ta' kull kwart 2015, il-*budget* 2016, l-*business plan* 2016-18 u l-financial statements 2015 li kienu magħmula mill-*Accountant* tal-KLM.

6. Kien approvat il-*Performance Bonus* sħiħ tas-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati. Is-SE irringrazzja lill-kunsillieri tar-rikonoxximent tagħhom u se jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex japprova dak tiegħu.

7. Kienet approvata l-iskeda ta' pagamenti numru 510. Għall-kont tal-*Imqabba Football Nursery,* Grace Marie Mallia staqsiet għalfejn intbgħat il-kont. Charlene Zammit qalet illi billi l-attivita' kienet organizzata b'kollaborazzjoni mal-*Youth Nursery*, jidhrilha li mhux ġust li jintbgħat il-kont u għalhekk għas-snin li ġejjin se nagħmluha ċara li jekk ser ikollna nħallsu għall-użu tal-ground, l-attivita mhux se tibqa' ssir b'kollaborazzjoni mal-*Youth Nursery* iżda tkun organizzata mill-KLM esklussivament.

8. Paul Spiteri qal illi hemm bżonn li jinqalgħu is-siġar ta' Triq Ħal Kirkop, li hemm quddiem iċ-ċimiterju filwaqt illi Charlene Zammit qalet illi anke *heavy pruning* hu mistenni li jkun ta' solljiev għall-uċuħ tar-raba li hemm taħt il-ħajt u li minħabbi fihom issa jinsabu fid-dell. Intant f'dan is-sit il-KLM qabel illi jitpoġġew *cat kennels* minn xi wħud li qed jitimgħu il-qtates *stray* f'din il-parti tar-raħal, u l-KLM jagħmilha ċara li dawn se jkunu aċċettati sakemm jinżammu nodfa.

9. Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li jmiss se tinżamm ħmistax-il ġurnata oħra fit-22 ta' Frar filwaqt li l-laqgħa pubblika se tinżamm nhar l-1 ta' Marzu, 2016. Din il-laqgħa ntemmet fit-7:45pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati nhar it-22.2.16 minn Dr Charlene Zammit

Segretarju Eżekuttiv — Sindku